LOMBARD

# *STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA*

## LOMBARD BANK JIRREĠISTRA QLIEGĦ REKORD

Lombard Bank Malta p.l.c. u s-sussidjarja tiegħu għamlu qliegħ qabel it-taxxa ta' Lm1.66 miljuni għas-sitt xhur li għalqu fit-30 ta' Ġunju 2006, żieda ta' 6% fuq il-Lm1.56 miljuni rreġistrati għall-istess perjodu ta' l-2005. Dawn il-figuri joħorġu mill-kontijiet mhux awditjati tal-Bank u li ġew approvati mill-Bord tad-Diretturi fit-8 ta' Awwissu 2006.

- Il-qliegħ wara t-taxxa attribwit lill-azzjonisti laħaq Lm1.07 miljuni, żieda ta' 6% fuq qliegħ ta' Lm1.01 miljuni għall-istess perjodu ta' l-2005.

- Il-qliegħ fuq *Net interest income* issaħħaħ b' 16% fuq l-istess perjodu ta' l-2005 u ikkontribwixxa Lm2.43 miljuni lejn l-*Operating Income.*

- L-*Operating Income* laħaq Lm2.84 miljuni, żieda ta' 15% fuq l-istess perjodu tas-sena ta' qabel.

- Il-*Cost: Income ratio* issaħħaħ għal 38.4% meta mqabbel mat- 42.7% tas-sena ta' qabel. L-*Administrative expenses* laħqu Lm1.04 miljuni, żieda ta' 3% fuq l-Lm1.01 miljuni tas-sena ta' qabel.

- Ir-riskju assoċjat ma' self baqa' jiġi amministrat bi kriterji prudenti u ta lok għal żieda netta fl-*impairment provisions* ta' Lm96,000.

- Il-Bank amministra l-assi bil-għan li jsaħħaħ ir-*Return on Assets Employed.* Id-depożiti tal-klijenti laħqu Lm161.04 miljuni f'Ġunju 2006 mill-livell ta' Lm165.75 miljuni f'Diċembru 2005, filwaqt li *Total Assets* laħqu Lm185.37 miljuni f'Ġunju 2006 minn Lm188.03 miljuni f'Diċembru 2005.

- Is-self lill-klijenti żdied għal Lm86.09 miljuni, tisħieħ ta' 9% meta mqabbel mal-31 ta' Diċembru 2005.

- Il-fondi ta' l-azzjonisti żdiedu b' Lm1.06 miljuni biex laħqu Lm17.68 miljuni.

- L-*Earnings Per Share* żdied minn 12.2 ċenteżmi fl' 2005 għal 12.7 ċenteżmi - meta wieħed iqis t-*two-for-one share split* li seħħet f'April 2006.

Il-qliegħ rekord ta' l-ewwel sitt xhur tas-sena huwa kif kien mistenni u dan jirriżulta minn żieda fi qliegħ mill-operat u t-tisħieħ fil-*Cost to Income ratios.* L-għażla tal-Bank li jkun selettiv fin-negozju tiegħu kabbar il-valur għall-azzjonisti u żied l-opportunitajiet ta' tkabbir tan-negozju.

Il-Bord tad-Diretturi jirringrazzja l-klijentela kollha, l-azzjonisti u l-impjegati ta' l-appoġġ kontinwu u jħoss li l-Lombard Bank jista' iħares 'l quddiem b'ottimiżmu.

**Lombard Bank Malta p.l.c.**
Office of the Company Secretary: 67 Republic Street Valletta Malta • PO Box 584 Valletta CMR 01 Malta
Tel: +356 25581117 • Fax: +356 25581151 • e-mail: mail@lombardmalta.com • www.lombardmalta.com • SWIFT Code: LBMAMTMT
*Licensed to conduct Investment Services Business by the Malta Financial Services Authority • Regulated by the Malta Financial Services Authority & listed on the Malta Stock Exchange*
*Registered Office: 67 Republic Street Valletta Malta • Company Registration Number: C 1607*